MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1296/2010

**Auto Sales Limited**
**vs**
**John Debono u Carmela Scerri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-16 ta' Dicembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi b'kuntratt datat 22 ta' April 2003 bejn il-partijiet, l-konvenuti hadu vettura Mercedes Benz CLK320 Cabrio b'numru ta' registrazzjoni QQQ-444 skond kif imsemmi fl-istess kuntratt (Dok. A) b'kuntratt ta' "hire purchase";

2. Illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu l-ammont dovut skond il-ftehim ta' "hire purchase" u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet;

3. Illi s-socjeta rikorrenti ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni nru. 233/2010 deciza fit-2 ta' Dicembru 2010;

4. Illi llum l-intimati huma debituri tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta’ tlettin elf u ghaxar euro u disa’ u disghin centezmu (euro30,010.99);
5. Illi billi l-konvenuti ma hallsux l-ammont kif miftiehem l-vettura baqghet proprjeta tas-socjeta rikorrenti u ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigi kkundannati li jirritornaw il-vettura lil Auto Sales Limited fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat mill-Qorti. Dan skond il-kuntratt bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant ir-rikorrent titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti

i. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' tlettin elf u ghaxar euro u disa’ u disghin centezmu (euro30,010.99) ghar-ragunijiet premessi u

ii. Tikkundanna lil intimati biex ihallsu lis-socjeta rikorrenti dan l-ammont ta’ tlettin elf u ghaxar euro u disa’ u disghin centezmu (euro30,010.99) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Marzu 1998, ittra ufficjali 22 ta’ Gunju 2004, ittra ufficjali tas-27 ta’ Jannar 2005, ittra ufficjali tas-6 ta’ April 2005, tal-mandat ta' sekwestru datat 6 ta’ Dicembru 2010 u tal-mandat ta’ qbid 2078/2005 u tal-mandat ta’ inibizzjoni bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv;

iii. Tikkundanna lil konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat mill-Qorti jirritornaw il-vettura Mercedes Benz CLK320 Cabrio – Registrazzjoni QQQ-444 lis-socjeta rikorrenti;

Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-konvenuti huma debitament notifikati baqghu kontumaci;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Rat il-verbal tad-29 ta’ Novembru 2011;

Rat li ma giet prezentata ebda nota ta’ sottomissjonijiet;

**Decide**

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti t-talba attrici tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti u annessi mar-rikors guramentat u x-xiehda ta’ Dr. Philip Manduca u ghalhekk qed tilqa’ l-ewwel u tieni talbiet attrici kif dedotti (kontra l-konvenuti), u rigward it-tielet talba tordna li l-konvenuti ghandhom jirritornaw il-vettura Mecedes Benz CLK320 Cabrio - numru ta’ registrazzjoni QQQ-444 entro tletin jum millum.

Bl-ispejjez u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------